MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 272/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Awissu, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru ta' l-Iskrizzjoni tmienja, disgha zbarra tnejn, zero, zero, wiehed (89/2001) *vide* Dok A;

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghal att taz-zwieg.

Li minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001), huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikoli 1 paragrafi (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwariz-Zwieg (Kap 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fil-31 ta' Awissu, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi huwa ma jopponix ruhu ghall-annullament taz-zwieg tal-kontendenti pero n-nullita tal-istess zwieg hija unikament responsabilita tal-attrici u konsegwentement huwa m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici u tal-genituri taghha u tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Frar, 2001; il-konvenut jaqbel ma' dan izda ghar-ragunijiet li semma fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander

Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta car li dan iz-zwieg qatt ma kellu possibilta' illi jirnexxi u l-fatt li wara biss erbgha snin intalab annullament huwa xhieda ta' dan. Fil-verita' l-partijiet iwahhlu f'xulxin ghall-falliment taz-zwieg izda l-akkuzi tal-attrici u l-familjari taghha fuq certi attegjamenti tal-konvenut huma ta' certa gravita' u fuq dan il-konvenut ma kellu xejn x'jikkumenta. L-iktar haga li tista' tindika li l-konvenut ma kellhux dik id-diskrezzjoni li hija minimament necessarja ghaz-zwieg hija l-avvanzi tieghu fil-konfront ta' oht il-konvenuta li kienet ta' eta' zghira ftit xhur wara z-zwieg; kif gia' inghad il-konvenut ma kkumenta xejn dwar dan. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jirrizultaw l-estremi tas-sub-artikolu (d).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-3 ta' Frar, 2001 u tordna li ssir l-annotazzjoni mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-ispejjes jinqasmu bejn il-partijiet f ishma indaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------